TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1924

KAZ 2542

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Charmaine D'Amato

u

STMicroelectronics (Malta) Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 16 ta' Marzu 2009.

Chairman : George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'nota pprezentata fir-registru tal-Qorti fid-dsatax ta' Ottubru 2007.

It-Tribunal zamm seba' seduti.

Charmaine D'Amato, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukati Aron Mifsud Bonnici u Joanne Vella Cuschieri u mis-Sur Andrew Mizzi tal-GWU waqt li STMicroelectronics (Malta) Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur Albert Fenech assistit mill-Avukat John Buttigieg.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz il-Kumpanija ghamlet eccezzjoni preliminari li t-Tribunal ma ghandux gurizdizzjoni biex jisma l-kaz ghaliex il-Kumpanija ma tterminatx l-impieg ta' l-appellant izda din irrizenjat. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni ssottomettiet li l-appellant kellha tlett twissijiet f'perijodu ta' sena dwar negligenza fil-produzzjoni minhabba li ma osservatx il-proceduri korretti. L-appellant ma kkontestatx l-akkuzi u giet avzata li skond il-procedura tal-Kumpanija kellha titkecca. Inghatat l-ghazla li tirrizenja minflok titkecca u ghazlet li tirrizenja.

L-appellant qalet li qatt ma nghatat twissija qabel dan l-incident ghajr darba, sena qabel dan l-incident, u kien dwar xoghol li sar minnha u zewg impjegati ohra u kienu mwissijin t-tlieta ghaliex ma setghax jigi stabbilit min minnhom ghamel ix-xoghol hazin. Barra minn hekk il-Kumpanija qalet li n-nuqqas ta' l-appellant fl-ahhar incident gie stabbilit wara 100% inspection li skond hi kien ilu ma jsir aktar minn 4 xhur. Hija ziedet li ma nghatatx it-twissijiet tat-13 ta' Lulju 2007 qabel ma giet ordnata tidher quddiem Bord ta' Dixxiplina fejn giet infurmata li kellha zewg ghazliet; li titkecca jew tirrizenja, u fil-fatt giet ipprezentata b'formola lesta ta' rizenja biex tiffermha.

Wara li sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-eccezzjoni preliminari t-Tribunal iddecieda li jkompli jisma' l-kaz fuq il-merti.

Mix-xhieda, mid-dokumenti u mit-trattazzjoni jirrizulta li :

- skond il-Kumpanija l-appellant kienet inghatat tlett twissijiet f'perijodu ta' sena. Tul is-sentejn ta' l-impieg taghha l-appellant inghatat erba' twissijiet; wahda dwar nuqqas fid-9 ta' Gunju 2006, ohra ghal nuqqas fit 28 ta' Lulju 2006 u tnejn bid-data 13 ta' Lulju 2007 ghal nuqqasijiet fl-istess shift li wasslu ghat-tkeccija/rizenja taghha.
- It-twissija tad-9 ta' Gunju 2006 mghandiex tghodd bhala wahda mit-tlieta li jitqiesu mill-Kumpanija li jwasslu ghal tkeccija ghaliex taqa' barra mill-perijodu ta' sena.
- Mit-tlieta l-ohra l-appellant tghid li dawk tat-2006 inghataw lill-tlett impjegati ghax ma setghax jigi stabbilit min minnhom kien ghamel in-nuqqas (pagna 6 tat-trattazzjoni finali ta' l-appellant) u dan ma giex michud mill-Kumpanija. Ghalhekk mhux gust li jitqies kontra l-appellant ghax setghet kienet bla htija.
- Iz-zewg twissijiet tat-13 ta' Lulju 2007 inghataw ghal nuqqasijiet fl-istess shift u huwa kwestjonabbli jekk ghandhomx jitqiesu separati u jekk hix haga normali li jsir hekk.
- L-appellant kienet impjegata fuq kuntratt definit li kien jiggedded kull sitt xhur. Tmient ijiem qabel ma ssejhet biex tidher quddiem Bord ta' Dixxiplina dan il-kuntratt kien gie imgedded ghal sitt xhur ohra. Meta wiehed iqis li kemm id-dixxiplina kif ukoll it-tigdid tal-kuntratti jsir mill-istess Sezzjoni, dik tal-Human Resources, wiehed irid jassumi li kienu jafu bin nuqqasijiet u deherilhom li seta' jigi mgedded il-kuntratt. Minhabba dan hemm suspett li wara it-tigdid inthadet decizjoni ta' tkeccija u ghalhekk inhargu zewg twissijiet separati bl-istess data ghan nuqqasijiet li graw f'gurnata wahda tax-xoghol biex ikun hemm tlieta f'perijodu ta' sena billi l-ewwel wahda (dik tad-9 ta' Gunju 2006) kienet taqa' barra l-perijodu ta'.sena..
- L-appellant sostniet li qatt ma nghatat it-twissijiet tat 13 ta' Lulju 2007 qabel ma ssejhet quddiem il-Bord ta' Dixxiplina u hi nhasdet u infixlet meta qalulha li kellha kaz ta' tkeccija u nghatat l-ghazla li tirrizenja flok titkecca. Fil-fatt l-formola ta' rizenja kienet diga lesta ghal-firma taghha u ffirmat wara li qalula li rizenja tpoggija f'pozizzjoni hafna ahjar minn tkeccija. Il-Kumpanija ma setghetx tipprova li t-twissijiet inghataw lill-appellant qabel ma ssejhet quddiem il-Bord skond ma hu rikjest fil-procedura ta' dixxiplina.

It-Tribunal ikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz u wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :

- li saru twissijiet separati fit 13 ta' Lulju 2007 biex jghaqqdu tlieta f'perijodu ta' sena.
- hemm dubji serji kemm l-appellant kellha titqies li timmerita tkeccija taht il-procedura ta' terminazzjoni wara tlett twissijiet f'perijodu ta' sena u dan ghandu jmur favur l-appellant ;
- it-tigdid tal-kuntrat ftit granet qabel ma ssejhet quddiem il-Bord ta' Dixxiplina jindika li l-hsieb originali ma kienx ta' tkeccija ;
- fin nuqqas ta' prova min-naha tal-Kumpanija li l-appellant inghatat t-twissijiet qabel ma ssejhet quddiem il-Bord, it-Tribunal jaccetta ix-xhieda ta' l-appellant li ma nghatawlhiex. Dan hu nuqqas serju tal-Kumpanija billi pprekluda l-appellant milli tiehu pariri u tqis bil-kalma x'azzjoni ghandha tiehu. Meta mpjegata tigi rinfaccata b'tlett superjuri minghajr pre avviz (kontra procedura stabbilita) u minghajr ma taf ghalxiex issejhet u b'hadd jassistiha mbaghad jghidulha li ghandha kaz ta' tkeccija u li rizenja aktar vantagguza minn tkeccija, it-Tribunal ma jqisx din bhala rizenja libera.

Ghalhekk it-Tribunal m' accettax l-eccezzjoni tal-Kumpanija li l-appellant irrizenjat, ghaliex hi ghamlet hekk taht pressjoni u jiddeciedi li ma kienx hemm raguni tajba u sufficienti skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impieg.

Wara li qies l-fatturi kollha tal-kas it-Tribunal jordna li l-Kumpanija ghandha thallas kumpens ta' 1400 euro (elf u erba' mitt ewro) lill-appellant. Dan il-pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet.

Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta 93 euro (tlieta u disghajn ewro).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Segretarja